# Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)
# Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D

## Rikors Ġuramentat Numru 276/2010DC

***Anthony Montebello***

***vs***

***Carmelo sive Charles Vella***
***u b'degriet tat-28 ta' Jannar 2022***
***Rosanna Vella kompliet il-kawża minflok il-mejjet Carmelo Vella***

## Illum, 9 ta' Mejju 2024

## Il-Qorti

Rat **ir-rikors ġuramentat ta' l-attur** ippreżentat fil-25 ta' Marzu 2010 permezz ta' liema ppremetta s-segwenti:

1. *Illi l-attur għamel konsenja lill-konvenut ta' materjal ta' kostruzzjoni u senjatament concrete u bricks;*

2. *Illi di piu' ir-rikorrent esegwixxa wkoll xogħolijiet fuq l-inkarigu tal-konvenut stess;*

3. *Illi ammont dovut, bilanċ minn somma akbar fir-rigward tal-konsenja u xogħolijiet surreferiti huwa ta tmintax il-elf seba' mija u tmienja u disghin Ewro u erba' ċenteżmi (€18,798,04) u liema somma l-konvenut għadu ma ħallasx sal-lum;*

4. *Illi dan id-dejn huwa vera, ċert u likwidu;*

5. *Illi xogħolijiet msemmija twettqu fit-12 ta' Settembru 1995 u sussegwentament fil-25 ta' Ġunju 1996 inħarġet kambjala mill-konvenut a favur tal-attur in garanzija ta' l-ammont globali;*

6. *Illi l-konvenut kien għażel li ma jieħu l-ebda azzjoni fuq il-kambjala innifisha u dana stante illi l-intimat kien baqa jħallas diversi somom akkont ta' l-ammont oriġinarjament dovut;*

7. *Illi l-konvenut m'għandu l-ebda eċċezzjoni xi jressaq għal din it-talba, tant illi sa riċentement baqa' jħallas diversi somom akkont ta' l-ammont oriġinarjament dovut;*

8. *Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi a tenur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta artikolu 167;*

9. *Illi sa fejn jaf l-esponent, il-konvenut m' għandu l-ebda eċċezzjoni valida xi jressaq;*

10. *Illi dawn il-fatti l-esponent jafhom personalment.*

U wara li hekk ippremetta talab li din il-Qorti:-

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi dan ir-rikors bid-dispensa tas-smiegħ kif premess;*

2. *Tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur fil-konfront tal-attur fis-somma ta' tmintax il- elf seba' mija tmienja u disgħin Ewro u erba' ċenteżmi (Eur 18,798,04);*

*Bl-imgħaxijiet mid-29 ta' Ġunju 1996 u bl-ispejjeż , inkluż tal-ittra uffiċjali eżekuttiva ppreżentata nhar il-5 ta Frar 2009 kontra l-konvenut.*

Rat li waqt l-udjenza miżmuma nhar il-5 ta' Mejju 2010 il-konvenut ingħata permess mill-Qorti biex iressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu[1].

---

[1] Fol 12.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-konvenut**[2] ippreżentata fl-24 ta' Mejju 2020 permezz ta' liema eċċepixxa s-segwenti:-

1. *Illi l-azzjoni u t-talbiet tar-rikorrent Anthony Montebello huma preskritti ai termini tal-Artikoli 2148 u 2149 et seq tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant l-istess talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, t-talbiet tar-rikorrenti Anthony Montebello huma nieqsa minn kull fundament ġuridiku u fattwali;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat is-sentenza mgħotija mill-Qorti ta'l-Appell fis-26 ta' Jannar 2018 permezz ta' liema il-Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezjoni sollevata mill-konvenut dwar preskrizzjoni[3].

Rat id-digriet[4] mogħti fit-13 ta' Jannar 2023 mill-Unur Tiegħu l-Prim Imħallef permezz ta' liema din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat li b'degriet datat 28 ta' Jannar 2022[5], fuq talba ta' Rosanna Vella, talba magħmula wara l-mewt ta' żewġha l-konvenut, il-Qorti awtoriżżatha tkompli l-kawża minflok żewġha.[6]

Semgħet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti proċesswali inkluz in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet[7].

Ikkunsidrat

Illi din hi kawża dwar talba għall-ħlas ta' konsenja ta' konkrit u bricks mill-attur lill-konvenut, kif ukoll ħlas dovut għal xogħol. L-attur igħid li baqa' bilanċ dovut mill-konvenut fl-ammont ta' tmintax-il elf seba' mija tmienja u disgħin euro u erba' ċenteżmi (€18,798.04). Ix-xogħol sar fit-12 ta' Settembru 1995. Bejn l-attur u l-konvenut saru diversi tipi ta' negozju fuq numru twil ta' snin u saru diversi

---

[2] Fol 13.
[3] B'sentenza mgħotija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fit-23 ta' Ottubru 2013 din l-eċċezzjoni kienet intlaqgħat pero l-attur appell minn din is-sentenza li mbagħad ġiet revokata.
[4] Fol 99 Vol II.
[5] Fol 74.
[6] F'din is-sentenza kull referenza għal "il-konvenut" hija referenza għal Carmelo Vella, u kull referenza għal "il-konvenuta" hija referenza għal Rosanna Vella.
[7] Fol 148 Vol II u fol 164 Vol II rispettivament.

ħlasijiet mill-konvenut tul dan iż-żmien. L-attur qed jitlob il-bilanċ li għadu mhux imħallas. Il-konvenut kien ħareġ kambjala favur l-attur, datata 25 ta' Ġunju 1996, għall-ammont ta' għaxart elef u ħames mitt lira Maltin (Lm10,500)[8]; dan l-ammont kien pagabbli sal-31 t'Ottubru 1996. Pero' din mhix actio cambiaria imma azzjoni għall-ħlas.[9]

Illi l-konvenut fil-waqt li jirrikonoxxi li l-partijiet għamlu negozju kemm-il darba bejniethom, ma rrikonoxxiex li għandu jagħti xi flus lill-attur.

Illi dwar din il-pretensjoni tiegħu l-attur kien proċeda permezz ta' ittra uffiċjali[10] ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fil-5 ta' Frar 2009. B'risposta għal din l-ittra uffiċjali[11], preżentata fis-27 ta' Frar 2009, il-konvenut opppona il-pretensjoni ta'l-attur billi wieġeb li l-ammont hu preskritt u f'kull każ is-somma mhix dovuta.

## IL-PROVI

Ikkunsidrat

Illi l-attur Anthony Montebello[12] xehed dwar il-kambjala[13] u spjega li '*value against commission*' miktub fuqha għalih tfisser '*flus li għandek tagħtini*' u n-negozju ta' bejn l-attur u l-konvenut kien li l-konvenut jieħu materjal mingħandu bħal bricks u konkos, kif ukoll xogħol. Qal li meta għamlu l-kontijiet bejniethom, kien baqa' dan l-ammont dovut lill-attur.

Illi meta reġa' xehed, l-attur Anthony Montebello[14] spjega dwar is-sales book li ppreżenta a fol 58 u qal li l-kolonni juru l-kwalita' tal-konkrit. Qal li l-konkrit li ta lill-privat hu muri taħt in-numru '148' waqt li l-konkrit li ta lill-Gvern hu muri taħt l-ittri 'A, B u C'. Qal li fejn hu mmarkat bl-aħdar fis-sales book tiegħu hu l-ammont kollu dovut mill-konvenut u meta jirċievi ħlas inaqqas minnu. Qal li meta biegħ lill-konvenut, urih b'ismu fuq is-sales book, u meta biegħ lill-kumpaniji tal-konvenut, urihom b'isem il-kumpanija. Pero' qal li fil-fatt, ftit biegħ lill-kumpaniji. Qal li ma tax rendikont lill-konvenut ta' x'kellu jagħti. Spjega li fejn jidhru ismijiet oħra mmarkati bl-aħdar, dan ifisser li kien ġie l-konvenut u qal lill-attur biex jagħti b'tant flus konkos lir-raġel li jkun miegħu u mbagħad il-konvenut iħallas lill-attur (biex hekk il-konvenut ikun qatel xi dejn li l-konvenut ikollu ma'

[8] Il-kambjala hija esebita a fol 4 u fol 103.
[9] L-attur qal li m'aġixxiex fuq il-kambjala għax il-konvenut kien beda' jħallas parti mill-ammont dovuta fuq dik il-kambjala.
[10] Fol 5.
[11] Fol 7.
[12] Fol 31.
[13] Fol 4 u fol 103.
[14] Fol 83.

terzi). Dwar it-tieni ittra uffiċjali li kien qal li ppreżenta kontra l-konvenut, spjega li mingħalih li ppreżenta ittra uffiċjali, imbagħad ippruvaw jirranġaw, u mbagħad ippreżenta t-tieni waħda. Mistoqsi dwar is-self fis-sena 2007 u 2008 li semma l-konvenut, l-attur qal li mhux minnu li talab xi self lill-konvenut imma qal li talbu biss il-ħlas tal-konkos.

Illi meta reġa' xehed l-attur Anthony Montebello[15] qal li qed jitlob is-somma ta' tmintax-il elf, seba' mija tmienja u disgħin euro u erba' ċenteżmi (€18,798.04). Qal li wasal għaliha meta ġabar il-kontijiet kollha ta' dak li kellu jagħti lil, u ta' dak li kellu jieħu mingħand, il-konvenut. Qal li dan l-eżerċizzju għamlu flimkien mal-konvenut. Qal li n-negozju għamlu mal-konvenut personalment. Ix-xhud attur irrefera għall-kambjala u qal li din kienet kambjala li ffirma l-konvenut favur l-attur. Qal li l-ewwel pagament wasal għaxar snin wara d-data tal-kambjala għax huma kienu jippruvaw jiftehmu u jaslu. Qal li fil-frattemp ma kienx hemm negozjati jew xogħlijiet għaddejjin bejniethom. Qal li ġieli l-konvenut kien jibgħatlu xi nies li kellhom jieħdu mingħand il-konvenut biex l-attur jagħti l-materjal lilhom dirett. Qal li kien imur għand il-konvenut jitolbu l-flus mhux għax kellu bżonn il-flus, imma biex jikkonkludu l-kwistjonijiet ta' bejniethom.

Illi fl-affidavit tiegħu[16] l-attur qal li hu kellu fabbrika tal-konkos fil-Mosta. Madwar Ġunju 1990 kien mar il-konvenut u pproponielu li jparrtu tliet appartamenti fl-indirizz 'Pioneer Court', Pioneer Road, Buġibba, li kienu għadhom fuq konvenju, ma' konkrit mill-fabbrika. Qal li ftehmu li l-attur jixtrihom bil-prezz totali ta' sitta u għoxrin elf lira Maltin (Lm26,000)[17], li kellhom jitħallsu għaxart elef lira (Lm10,000) fi flus kontanti u sittax-il elf lira (Lm16,000) permezz ta' tpartit ta' konkrit. Qal li ftehmu wkoll fuq cash discount u fuq ir-rata tal-ħlas tal-konkos. Qal li għamlu konvenju madwar Ġunju 1990 u waqt li dawn l-appartamenti kienu għadhom fuq konvenju, l-attur biegħhom lil ħaddieħor. L-attur qal li lill-konvenut tah ċekkijiet fl-ammont ta' għaxart elef u ħames mitt lira (Lm10,500):

- ċekkijiet tal-Mid Med Bank f'isem Charles Vella numru 026, 504, 324, 325 u 994, bejn 1990 u 1991, għal total ta' sebat elef u ħames mitt lira (Lm7,500); u
- ċekk tal-Mid Med Bank fl-ammont ta' elfejn u ħames mitt lira (Lm2,500) u ċekk tal-Bank of Valletta fl-ammont ta' ħames mitt lira (Lm500) f'isem Joseph Falzon ta' Falcon Properties (li deher fuq il-kuntratt li qed ibiegħ l-appartamenti). Ic-cheques inħarġu bejn l-1991 u 1992.

Illi l-attur qal li l-bilanċ fuq l-appartamenti ta' ħmistax-il elf u ħames mitt lira (Lm15,500) tħallas permezz ta' tpartit ta' konkrit. Qal li l-konvenut ġieli ġab terzi miegħu u talbu jgħaddi l-konkrit lilhom f'ammonti differenti, u biex jagħmilhom

---

[15] Fol 87.
[16] A fol 90 kif ukoll affidavit ieħor a fol 10 sa fol 13 Vol II, li fih l-attur ikkonferma dak li qal fl-ewwel affidavit.
[17] A fol 10 Vol II dan l-ammont hu muri bħala Lm25,000, pero' a fol 22 Vol II hu kkjarifikat li l-ammont hu ta' Lm26,000.

fuq il-kont tal-konvenut. Qal li wara li ngħalqu dawn is-somom, lill-konvenut baqa' jagħtih iktar konkrit, u anke meta ngħalqet is-somma tat-tpartit, baqa' jagħtih konkrit u l-konvenut dejjem qal li se jħallsu. Qal li bejnu u l-konvenut kienu ffurmaw kumpanija li kien jisimha Montvell Construction Limited u li biha kienu xtraw post f'San Ġiljan. Ix-xhud attur qal li hu ħallas elfejn ħames mija u tmenin lira (Lm2,580) fuq dan il-proġett, kif ġej:

- elf lira (Lm1,000) bħala depożitu fuq il-konvenju,
- company formation fees u annual fees tal-awditur,
- ħlas għad-demolizzjoni tal-post, u
- konkos, ħadid u kirja ta' crane.

Qal li l-konvenut qatt ma tah sehmu minn dawn l-ispejjeż. Qal li l-konvenut fil-fatt xtara din il-proprjeta' ma' terzi u mhux miegħu. Ix-xhud attur qal li f'Ġunju 1996 hu u l-konvenut għamlu reconciliation tal-ammonti li kellhom jagħtu u jieħdu u rriżulta li l-konvenut kien għad baqagħlu jagħti lill-attur ħdax-il elf mija tmienja u erbgħin lira (Lm11,148). Imbagħad b'xi aġġustamenti rriżulta li l-konvenut kien baqagħlu jagħti lill-attur għaxart elef u ħames mitt lira (Lm10,500). Qal li l-konvenut kien aċċetta li kellu jagħtih dan l-ammont u għalhekk il-konvenut iffirmalu l-kambjala esebita. Qal li minn dawn, il-konvenut ħallsu elfejn lira (Lm2,000) fl-2007[18] u elf Euro (€1,000) fl-2008[19]. Qal li dawn kienu pagamenti akkont. Qal li wara dawn il-ħlasijiet, il-konvenut ma ħallasx iktar, minkejja li l-attur talbu jħallas kemm-il darba. Qal li l-flus li talbu dejjem kienu marbutin ma' din is-somma tal-kambjala. L-attur ċaħad li qatt sab ruħu fi problemi finanzjarji. B'referenza għal dak li xehed il-konvenut li m'għandux karti mingħand l-attur, l-attur qal li l-kambjala qatt ma taha lura peress li l-ammont għadu dovut u qal li qatt ma ta rċevuti lill-konvenut għax qatt ma ħallsu tal-ammont li għadu dovut. Qal li f'din il-kawża hu qed jitlob l-ammont ta' €18,798.04 li jirrappreżenta l-ammont tal-kambjala wara li tnaqqsu ż-żewġ pagamenti li għamel il-konvenut. Qal li bagħatlu ittra uffiċjali eżekuttiva pero' l-konvenut wieġeb li m'għandux jagħti. Qal li għalhekk kellu jiftaħ din il-kawża.

Illi meta xehed in kontroeżami l-attur [20] ikkonferma li l-ammont li għandu jieħu li jidher fil-kambjala hu ta' konkos u materjal ieħor u xogħol ta' skavar. Qal li kien joħroġ statement kull xahar lill-konvenut ta' x'għandu jagħti. Qal li m'esebihomx dawn l-istatements għax dawn ilhom snin twal. Qal li fl-1996 kien għalaq. Qal li l-kont ta' Montvell tefgħu fuq il-konvenut personalment għax kien il-konvenut li ġiegħlu jagħmel din il-kumpanija miegħu biex iġibu l-flus mill-bank u jixtru l-post ta' San Ġiljan. Qal li mbagħad inqala' l-inkwiet għax is-sid ma riedx joħroġ mill-post u mbagħad qablu li jkompli jieħu ħsieb il-proġett il-konvenut. Qal li pero' ma kienx jaf li l-konvenut kien qed jaħdem dan il-proġett ma' terz. Qal li ċ-ċekkijiet li hu kien ta lill-konvenut dwar l-appartamenti ta'

[18] Il-konvenut bagħat cheque ma' ibnu Casey u ltaqgħu il-Pieta'.
[19] Iltaqgħu fid-Departures Hall tal-ajruport.
[20] A fol 20 Vol II.

Buġibba ssarrfu. Qal li Joseph Falzon kien is-sid proprja tal-appartamenti ta' Buġibba. Qal li wara li għamlu reconciliation hu u l-konvenut, il-konvenut iffirmalu kambjala. Dwar id-dokumenti a fol 39 et seq, l-attur ikkonferma li fejn jidher l-isem 'Anthony Montebello' fil-lista, jirrefeu għalih, iżda qal li l-ebda waħda minn dawn il-kwistjonijiet m'għandha x'taqsam mal-każ in kwistjoni. Dwar l-ammonti mniżżla fil-ledgers, qal li fil-ledger mhux se joqgħod iniżżel wisq dettalji. Qal li l-kitba hi tal-iskrivan tiegħu. Qal li mill-memorja jiftakar li ta ħafna materjal għal Buskett Road House u kien hemm biċċa xogħol oħra Ħal Far żgur. Qal li kien hemm materjal ukoll li l-konvenut qallu biex jagħtih lil ħaddieħor, bħal lil ċertu Chris tal-Buz. Qal li l-karti li għandu, diġà esebihom f'din il-kawża.

Illi fix-xhieda tiegħu meta kienet qed tiġi trattata l-eċċezzjoni dwar il-preskrizzjoni l-konvenut Carmelo Vella[21] qal li bejnu u l-attur sar ħafna negozju: għamlu tpartit, biegħlu xi proprjeta' u anke għamlu xi bini flimkien. Dwar il-kambjala qal li ma jiftakarx x'commission kienet għax kien hemm ħafna negozju bejniethom, u qal li l-attur f'xi żmien kellu problemi mal-bank ukoll. Qal li l-kambjala inqatlet u xi żmien wara, l-attur reġa' talbu l-ħlas. Dwar l-ittra uffiċjali qal li dik ma tittrattax il-commission u hi differenti. Qal li x-xogħol imsemmi fl-ittra uffiċjali sar mill-attur għall-kumpanija Buskett Leisure u x-xogħol sar fil-Buskett. Qal li bħala ħlas għal dan ix-xogħol kienu jirranġaw bil-kontijiet u bit-tpartit, u ta' dan ix-xogħol l-attur tħallas kollox. Dwar il-pagamenti fl-2006 u fl-2007 b'cheques ta' Lombard Bank, ix-xhud qal li dawn il-pagamenti tahom lill-attur b'self għax l-attur kien għaddej minn żmien diffiċli.

Illi fl-affidavit tiegħu, x-xhud konvenut Carmelo Vella[22] qal li hu jaf lill-attur bħala negozjant. Qal li partat miegħu flats f'San Pawl il-Baħar fil-passat, permezz tal-kumpanija tal-konvenut Anchor Limited, iffurmata bejn il-konvenut u l-avukat Siegfried Borg Cole. Qal li l-attur kien ta materjal tal-bini lill-kumpanija oħra tal-konvenut, Buskett Leisure Limited. Qal li ma jiftakarx għalxhiex saret l-kambjala imma qatt ma kellu jagħti lill-attur xi commission. Qal li jiftakar li nqatlet b'xi flus li l-attur kellu jagħtih. Qal li hu dejjem bħala kumpanija ħadem mal-attur, kemm meta biegħ proprjeta' lilu u kemm meta biegħ proprjetà għalih. Qal li waqt ikla fl-2007, l-attur kien qallu li kellu jagħtih xi flus imma hu ċaħad. Qal li mbagħad l-attur talbu jisilfu l-flus bil-ħsieb li jkun sħab mat-tifel tal-attur fi proġett ta' żvilupp ta' art biswit il-fabbrika tal-Wembley fil-Gżira. Qal li hu ta lill-attur cheque[23] ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) fil-5 ta' Diċembru 2007 minn kont li kellu ma' martu f'Lombard Bank. Qal li dan il-proġett ma sarx għax l-art qatt ma nbiegħet lit-tifel tal-attur. Qal li iktar tard semmielu proprjeta' ta' ċertu Louis f'San Pawl il-Baħar u l-attur reġa' talbu jisilfu l-flus. Qal li hu sellfu elf

[21] Fol 24.
[22] Fol 33.
[23] Fol 35.

euro (€1,000) għalkemm l-attur ried iktar, u dan sar b'cheque[24] tal-kumpanija tal-konvenut Chopper and Sons Co Ltd fis-17 ta' Marzu 2008. Qal li l-attur ried ukoll jagħmel xi negozju ta' proprjeta' ma' skola tal-Ingliż fejn kien jaħdem iben il-konvenut, pero' dan in-negozju ma seħħx lanqas. Qal li f'ikla oħra, l-attur reġa' semmielu li kellu d-dejn imma l-konvenut ċaħad u qallu li m'hemmx pendenzi bejniethom. Qal li fl-istess żmien kien għen lill-attur biex idawwar formalment fuq ismu proprjeta' li kienet għadha tgħajjat lil Falcon Company Limited. Qal li wara dan kien hemm negozju ieħor li ma seħħx lanqas.[25] Qal li qabel il-konvenut irċieva l-ittra ufficjali fuq imsemmija, l-attur qatt ma kien talbu l-flus bil-miktub. Qal li ma jafx għal liema konkrit u bricks qed jirreferi l-attur. Qal li ma jafx lanqas għaliex il-kambjala tirreferi għal 'commission' u issa l-attur qed igħid li dak li hu dovut hu dwar ħlas ta' konkrit u bricks.

Illi meta xehed in kontroeżami l-konvenut Carmelo Vella[26] qal li jagħraf il-firma tiegħu fuq il-kopja tal-kambjala u qal li l-kambjala ħariġha hu stess. Qal li hu minnu li bejnu u l-attur kien hemm ħafna negozju għaddej, inkluż appartamenti f'Buġibba imma kollox kien tħallas. Ikkonferma li parti mill-ħlas għall-appartamenti ta' Buġibba sar mill-attur permezz ta' konsenji ta' konkrit u kkonferma li l-attur kien baqa' jbiegħlu konkrit wara dan il-bejgħ tal-appartamenti. Qal li ma jiftakarx kellux x'jaqsam mal-kumpanija Montvel Construction. Qal li hu m'għandux jagħti flus lill-attur ta' xi commission jew ta' xi ħaġa oħra. Qal li l-kambjala kien qatilha imma ma jiftakarx kif, u lanqas jiftakar jekk l-attur kienx għaddielu l-kambjala lura, jew jekk hu kienx taha lill-attur. Qal li għamel żmien wieqaf mix-xogħol għax kien ma jiflaħx. Qal li m'għandux prova li ħallas il-kambjala għax antika u lanqas jaf lil min ħallas. Ikkonferma dak li qal fl-affidavit tiegħu li meta sellef il-flus lill-attur waqt l-ikla fniek, sellfu l-flus għal xi proġett (li baqa' qatt ma sar), u mhux tah il-flus għax kellu jagħtih. Qal li l-elf lira pagament li ssemma a fol 27 kien tahomlu biex ma jħalliehx ibiegħ il-karozza. Qal li reġa' sellfu lill-attur għalkemm kien daħak bih qabel. Qal li jekk l-attur joffrilu li jagħtih dawn il-flus lura, jeħodhom, imma qal li hu ċert li l-attur mhux se joffrilu.

Illi l-partijiet esebew is-segwenti dokumenti:

- Il-kambjala oriġinali[27];
- Reconciliation sheet bejn l-attur u l-konvenut[28].
- Memorandum and articles of association tal-kumpanija Montvell Construction Limited, li kienet iffurmata fl-1992[29];

[24] Fol 35.
[25] Fol 37. Din tidher li hi nota ta' insinwa ta' bejgħ ta' żewġ propjetajiet f'San Ġiljan, li fil-fatt seħħ, u l-kuntratt hu datat 16 ta' Settembru 1992.
[26] Fol 99.
[27] Fol 103.
[28] Fol 93.
[29] Fol 103.

- Dokument li juri li Montvell Construction Limited tħassret mir-Reġistru tal-Kumpaniji fl-10 ta' Novembru 2005[30];
- Estratt minn sales book tal-attur li juri tranżazzjonijiet bejn Jannar 1992 u Novembru 1994[31]. Fosthom dan juri bejgħ li sar lil Charlie Vella (magħruf bħala Chopper) u jidher li kien hemm tranżazzjoni lil Charlie Vella kull xahar.
- Lista ta' kawżi civili, ta' atti ġudizzjarji u ta' mandati li kienu ppreżentati kontra persuna jew persuni li jisimhom Anthony Montebello.[32]

Illi xehed ukoll Joseph Falzon[33] managing director tal-kumpanija Fal-Con Company Limited. Saritlu referenza għal Dok FG3 mal-affidavit ta' Carmelo Vella.[34] Ix-xhud qal li kienu għamlu negozju ma' xi ħadd Vella magħruf bħala Chopper. Qal li hu u l-attur xtraw appartamenti f'Pioneer Road Buġibba u mbagħad biegħuhom lil ċertu Schiriha, president ta' Valletta Football Club. Qal li l-konvenut kien sħab ma' Edmond Mugliett ukoll. Qal li c-Chopper qallu biex jagħmel kuntratt għall-attur u l-attur kien ġab lil xi ħadd ieħor biex jixtri u x-xhud għamel il-kuntratt. Qal li hu jafu lill-attur għax kellu kwistjoni miegħu għax meta biegħ l-appartamenti lic-Chopper, l-attur kien għamel żmien juża l-appartamenti u kien qabbad id-dawl għal ġor-restaurant t'isfel u tellagħlu kont ta' disat elef lira (Lm9,000). Qal li mbagħad hu kien neħħa l-arloġġ tad-dawl u l-konvenut kien ħallas lix-xhud hu ta' din l-ispiża, u l-konvenut kellu jirranġa mal-attur hu iktar tard. Qal li mbagħad l-arloġġ tad-dawl li x-xhud qala', reġa' twaħħal u reġgħet seħħet l-istess ħaġa. Qal li imbagħad hu għamel rapport lill-pulizija kontra l-attur.

Illi meta reġa' xehed Joseph Falzon, esebixxa l-estratt tan-nota ta' insinwa[35] li turi bejgħ tal-appartament numru disgħa (9), f'Pioneer Court, Pioneer Road Buġibba, minn Fal-Con Limited lil Vincent Caruana. Iktar tard kien esebit ukoll il-kuntratt relattiv ta' dan il-bejgħ.[36] Kienet esebita wkoll in-nota ta' insinwa[37] għall-bejgħ tal-appartament numru tnejn (2) f'Pioneer Court, Pioneer Road, Buġibba li sar minn Fal-Con Company Limited lil Robert Briffa. Kienet esebita wkoll in-nota ta' insinwa[38] għall-bejgħ ta' proprjetajiet numru 38 u 39 Nursing Sisters Street San Ġiljan mill-konjuġi Clement u Mary Sciberras lil Choppers Company Limited u Falcon Company Limited.

---

[30] Fol 118.
[31] Fol 58 sa fol 80.
[32] Fol 39 sa fol 55.
[33] Fol 84 Vol II.
[34] Fol 37. Din hija nota ta' insinwa ta' bejgħ ta' mezzanin u terran f'San Ġiljan mill-konjuġi Sciberras lil Choppers Company Ltd u Falcon Company Limited.
[35] Fol 97 li hi ukoll bħal fol 132
[36] Fol 113 Vol II. Fol 117 sa fol 132, fol 134 sa fol 136 u fol 138 sa fol 147 huma dokumenti mhux marbuta ma' din il-kawża, pero' huma kollha noti ta' insinwa marbuta ma' Fal-Con Company Limited.
[37] Fol 133 Vol II.
[38] Fol 137 Vol II.

## KONSIDERAZZJONIJIET

Ikkunsidrat

Illi kif gustament tirrileva l-konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha f'dan il-kaz hemm kunflitt fil-provi fis-sens li l-atturi qed jgħid li l-konvenut ma kienx ħallas dak dovut skond il-kambjala, fil-waqt li l-konvenut da parti tiegħu kien insista li dak l-ammont huwa mħallas kollu.

Illi meta rinfaċċjata b'verzjonijiet kontrastanti l-Qorti m'għandiex neċessarjament tiċħad it-talbiet attriċi bħala mhux pruvati imma għandha tevalwa dawk il-verzjonijiet kontrastanti biex tara lil min mill-partijiet, u f'xiex, tista' tagħti kredibilita, dan fid-dawl tal-provi l-oħra kollha prodotti.

Illi dwar it-tip ta' prova meħtieġa fi proċeduri ċivili meta jkun hemm verzjonijiet kunfliġġenti, din l-Qorti kif diversament preseduta qalet hekk[39]:

> *Fid-dawl tal-kuntrast bejn il-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet din il-Qorti tirreferi għall-insenjament kostanti ta' dawn il-Qrati fis-sens illi:*
>
> > *"Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza għandhiex teskludi lill-oħra anke fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi għax dawn f'kawżi ċivili huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant." (vide Kollez Vol. L PII p440). ...*
>
> *Fil-kawża **Schraffrath vs Travel lTV plc** (deċiża fit-28 ta' Ġunju tas-sena 2001), intqal:*
>
> > *"Attur irid jipprova l-każ tiegħu u dan fi grad xieraq kif imfisser fir-regoli ewlenin tal-liġi tal-proċedura u skond il-ħaqq. Attur ma jistax ineħħi minn fuqu dan l-obbligu billi jappella għas-sens ta' ħniena jew dehen arbitrali tal-ġudikant mingħajr ma jagħti ħjiel ta' prova ta' dak li jitlob."*

Illi aktar minn hekk u dwar x'jikkostitwixxi l-aħjar prova f'proċeduri ċivili l-Qorti tirreferi għas-sentenza **Lawrence u Concetta Maria konjugi Cauchi v. Dr. Patrick Spiteri u martu Sylvana Spiteri[40]:**

---

[39] **Untours Insurance Agency Ltd (C5655) għal Q.I.C.I. kif surrogata fid-drittijiet ta' Martin Mangion u l-istess Martin Mangion vs Ramona Cutajar Dalli**, PA, deċiża fit-22 t'Ottubru 2015.
[40] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Novembru 2011.

*Din il-Qorti, fil-fatt, fil-kawża* **Fenech v. Portelli**, *deċiża fis-27 ta' Lulju, 2007, kienet għamlet dawn iż-żewġ osservazzjonijiet, fost oħrajn, dwar x'tip ta' prova hi rikjesta f'kawża ċivili:*

> *'Il-prinċipju tal-piż tal-prova ma jfissirx illi d-dimostrazzjoni tal-fatt kostituttiv ta' dritt vantat u pretiż, trid tiġi rikavata minn prova waħda u dik biss. Wieħed jista' jutilizza elementi probatorji akkwiżiti mill-proċess – ir-riżultanzi istruttorji jistgħu jiġu ottenuti b'kull mod purke` dawn iservu għall-formazzjoni u konvinċiment tal-ġudikant.'...*
>
> *'Fil-kamp ċivili l-ġudikant għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex u mhux fuq sempliċi possibiltajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet. Dak li hu neċessarju hu jekk spjegazzjoni hix verosimili.'*

*Hekk ukoll, per eżempju, f'każ ta' allegazzjoni ta' pagament, l-aħjar prova hija irċevuta ta' ħlas, pero`, intqal kemm-il darba mill-qrati tagħna li n-nuqqas ta' irċevuta ma jtellifx lid-debitur li jipprova l-ħlas bi kwalunkwe mod ieħor permessibbli mil-liġi (ara, fost oħrajn,* **Desira v. Barbara**, *deċiża minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fid-9 ta' April, 2010,* **Joseph Said Ltd v. Sammut**, *deċiża mill-istess Qorti fit-12 ta' Ġunju, 2009, u* **Mizzi v. Filletti**, *deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Jannar, 2000). ... ... Il-prova li trid issir hi dik meħtieġa biex il-Qorti tkun konvinta b'dak li qed jiġi allegat...*

Illi fil-kors tal-proċeduri l-attur ressaq diversi provi dokumentarji li jikkoraboraw il-verżjoni tiegħu ta x'ġara. Għalkemm ma esebixxiex fatturi relattivi għall-konsenji ta' konkos u xogħol ieħor, hu esebixxa sales book u rendikont tal-bilanċi li kien fadal bejnu u l-konvenut; fuq kollox huwa esebixxa ukoll il-kambjala. Il-konvenut min-naħa l-oħra ftit li xejn ressaq provi, u l-ftit li ressaq mhumiex dwar ammonti ta' flus. Aktar minn jekk ix-xhieda tiegħu kienet nieqsa mid-dettalji u dati relevanti; huwa lanqas preżenta xi dokumenti biex jissustanzja l-pożizzjoni tiegħu.

Illi dwar il-kambjala, il-partijiet jaqblu li din verament kienet iffirmata mill-konvenut favur l-attur, għas-somma ta' għaxart elef lira (Lm10,500). Pero' l-attur igħid li l-kambjala baqgħet ma tħallsitx u allura l-kambjala oriġinali baqgħet għandu u fil-fatt esebiha f'dawn il-proċeduri. Min-naħa l-oħra, l-konvenut igħid li din kienet inqatlet permezz ta' ħlas, u mbagħad reġgħet tfaċċat minn xi mkien u l-attur reġa' talbu l-ħlas a bażi tagħha.

Illi kif ntqal l-attur mhux qed iressaq din l-azzjoni a bażi ta' din il-kambjala esebita. Fil-fatt ħadd mill-partijiet ma qed jittenta jgħid li dawn il-proċeduri huma azzjoni a bażi tal-istess kambjala. Għalhekk l-effett probatorju tal-kambjala hu bħallikieku statement ta' kif kien il-bilanċ ta' ammonti dovuti bejn il-partijiet fid-data meta kienet iffirmata, u ċioe fl-1996. Ta' min jinnota li l-kambjala hi ffirmata mill-konvenut personalment favur l-attur u għalhekk dak iż-żmien kienet ammissjoni min-naħa tal-konvenut li hu debitur tal-attur. Fix-xhieda tagħhom kemm l-attur kif ukoll il-konvenut ikkonfermaw li dawk huma l-firem rispettivi tagħhom fuq il-kambjala. Għalhekk hu stabbilit li fl-1996 il-konvenut kellu jagħti lill-attur għaxart elef u ħames mitt lira (Lm10,500).

Illi fuq il-kambjala ntużat il-kelma '*commission*'. Jirriżulta li għall-attur din tfisser '*ammont li għandu jieħu*' waqt li għall-konvenut din tfisser bħal ammont li jingħata talli persuna tkun iffaċilitat biċċa negozju. Fil-verita, fil-kawża odjerna, ma tagħmilx wisq differenza l-ammont x'kien jirrappreżenta, peress li l-partijiet kienu qablu li sa dakinhar dak kien l-ammont dovut mill-konvenut bħala riżultata tat-transazzjonjiet li kienu jseħħu bejniethom qabel l-iffirmar tal-kambjala. Fi kwalunkwe każ ma jidhirx mill-provi prodotti li min-negozju varju li sar bejn il-partijiet kien hemm dak li minnu l-attur seta kellu jirrċievi xi commission fis-sens normali tal-kelma.

Illi wara l-iffirmar tal-kambjala, l-attur igħid li l-konvenut tah żewġ ħlasijiet, ta' elfejn lira fl-2007 u elf ewro fl-2008. Il-konvenut ikkonferma li ta dawn is-somom lill-attur, imma jgħid li kienu self mhux bħala ħlas akkont, għax l-attur kien għaddej minn żmien iebes. Il-konvenut fil-fatt jinsisti li sadattant il-kambjala kienet inqatlet u ma kellux jagħti iktar flus lill-attur. Pero ma rnexxilux juri meta u kif ħallas il-kambjala u ma jagħtix spjega plawżibbli għalfejn il-kambjala baqgħet fil-pussess ta'l-attur minkejja l-ħlas allegat. Lanqas ressaq provi dwar l-allegazzjoni li hu sellef il-flus lill-attur u mhux ħallsu akkont.

Illi fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti ssib li l-verżjoni ta' l-attur hija aktar verosimili[41] u li hu pprova, fuq bażi ta' probabilta, li għandu jieħu s-somma indikata fil-kambjala, rappreżentanti l-prezz ta' konkos u materjal ta' kostruzzjoni konsenjat qabel l-iffirmar tal-kambjala. Ġie pruvat ukoll sar ħlas akkont tal-ammont indikat fil-kambjala għalhekk iridu jitnaqqsu dawk ż-żewġ pagamenti li saru akkont.

Illi in konkluzjoni u dwar l-ilment tal-konvenut li fit-talba tiegħu l-attur ma jiddistingwix bejn dejn tal-konvenut u dejn tal-kumpaniji tal-konvenut, għandu jingħad li l-attur qed ifittex li jirkupra l-ammont ta' Lm10,500 li fis-sena 1996 l-

[41] Illi rigward l-ilment tal-konvenut li kien hemm diskrepanza fix-xhieda tal-attur dwar jekk l-ammont oriġinali msemmi kienx ta' ħamsa u għoxrin elf lira (Lm25,000) jew sitta u għoxrin elf lira (Lm26,000), il-Qorti ssib li hu minnu li kien hemm din id-diskrepanza, pero' l-attur ikkoreġiha fix-xhieda tiegħu a fol 22 (Vol II), u qal li l-ammont korrett hu ta' Lm26,000.

konvenuta aċċetta li kienu dovuta u li l-konvenut personalment assuma ir-responsabbilita għall-ħlas tiegħu meta, f'ismu personali, iffirma l-kambjala.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi, fil-waqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta'l-ewwel talba ta'l-attur stante li din ġia ġiet deċiża, u fil-waqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta:

1. **tilqa' t-tieni talba** tal-attur u tiddikjara lill-konvenuta debitriċi ta'l-attur fis-somma ta' tmintax il- elf seba' mija tmienja u disgħin Ewro u erba' ċenteżmi (Eur 18,798,04); u
2. **tikkundanna lill-konvenuta** tħallas lill-attur din is-somma, bl-imgħax legali mill-31 ta' Ottubru 1996[42] sal-ħlas effettiv u bl-ispejjeż kontra l-konvenuta, nkluż l-ispejjeż tal-prim istanza dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[42] Id-data meta kellha titħallas il-kambjala ċioe id-data meta kellha tiġi eżegwita l-obbligazzjoni.